MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Numru. 552/2005

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
OMISSIS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat omissis, ta' omissis, bin omissis, imwieled omissis, u residenti omissis, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru omissis, u akkuzat talli f'omissis u fi bnadi ohra, f'dawn il-Gzejjer, fl-2004 u fi snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni kkorrompa persuni taht l-eta', u cioe' lil omissis u omissis, liema minuri kienu ghadhom ma ghalqux l-eta' ta' tnax-il sena u kif ukoll liema minuri gew fdati lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom.

Kif ukoll offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat tas-26 t’Ottubru 2005.

Semghet il-konferma tal-ammissjoni tal-imputat wara li dan inghata zmien ragjonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 203(1)(c), 209, 21, 28A u 28G(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 7(5) tal-Kap 446, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin. In oltre, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht ‘suspended supervision order’ ghall-istess terminu ta’ zmien fuq indikat, taht is-sorveljanza ta’ Mariella Camilleri, Direttur tal-Probation Services jew ‘probation officer’ iehor minnha nominat.

Illi in oltre, bis-sahha tal-Artiklu 28G(2) tal-Kap 9 u Artiklu 7(5) tal-Kap 446, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht ‘treatment order’ sabiex jircievi terapija mis-‘Senior Clinical Psychologist’ Bernard Caruana mhux anqas minn darbtejn fix-xahar ghal perjodu ta’ tlett snin, u dan sabiex jigi ndirizzat l-agir tal-imputat li wasslu biex jesponi ruhu quddiem in-neputijiet tieghu stess meta dawn kienu taht l-eta’, li wahda mill-minuri giet imgieghla tmiss il-parti privata tieghu, waqt li l-imputat mess partijiet intimi mill-gisem tal-minuri l-ohra.

Din il-piena qeghda tinghata in vista tac-cirkostanzi specjali ta’ dan il-kaz, u cioe’ li l-imputat, li ghandu tnejn u sebghin (72) sena, mietlu tifel fil-mori tal-kawza, u ghandu

martu ma tiflahx serjament. Illi in oltre, it-tfal tal-imputat u zwieghom hafru lill-imputat, u li kien ghalihom, irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------